IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 64-2019(27_03_19)**

**27 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

64.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

64.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 63-2019(20_02_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

64.3.1 Is-Sindku tat rendikont tal-laqgħat li kellha.
Is-Sindku attendiet għal-laqgħa li kienet indirizzata mis-Sur Natalino Attard – Direttur Gvern Lokali u mill-Onorevoli Silvio Parnis – Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fil-Kunsill Lokali In-Naxxar dwar il-proċeduri l-ġodda dwar id-Development Planning Fund. Is-Sindku attendiet ukoll għall-għoti ta' fondi minn skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali favur il-lokalità tal-Munxar taħt l-iskema - Ħajja Aħjar Permezz tal-Eżerċizzju u Sport. Is-Sindku kienet mistiedna fuq l-istazzjon F Living għall-programm dwar ix-xogħol tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku kienet mistiedna wkoll għal *Open Day* fl-Iskola Gozo College Sannat Primary & Special Unit, fis-26 ta' Frar 2019. Fil-5 ta' Marzu 2019, sar it-trasport ipprovdut mill-Kunsill fejn is-Sindku u l-Viċi Sindku flimkien ma' xi persuni oħra li wrew interess attendew għas-smigħ tal-proposta ta' żvilupp fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi fl-Awtorità tal-Ippjanar f'Malta fejn saret oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni ta' bini f'post *Outside Development Zone* (ODZ). Is-Sindku kellha laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija fejn aċċetta li n-nar tal-festa jintrama kollu fil-ġurnata tal-elezzjoni.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi kien ġie ffirmat il-kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex fejn inġabu l-fondi għall-kisi ta' parti minn Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru u li kienu qed isiru fil-lokalità.
Fix-Xlendi beda x-xogħol fuq il-*boathouses* u l-*boatyard* skont il-*Masterplan* tax-Xlendi. Ix-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Qroll huwa kważi lest u l-ġimgħa li ġejja ser jingħata t-tarmak. Fil-Munxar qed isir xogħol ta' żebgħa fil-*Gazebo* u l-bibien fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

**64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

64.4.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard issuġġeriet li l-Kunsill jagħmel *shelter* tal-qtates. Kien hemm qbil dwar dan iżda qabel il-Kunsill irid jiġbor aktar informazzjoni.
Hija talbet ukoll sabiex isir *barrier* viċin l-entratura ta' *garage* fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi peress li karozzi pparkjati qed jostakolaw l-aċċess għall-*garage*. Is-Sindku infurmatha li ser titranġa l-bankina wkoll. Is-Sinjura Juliet Rose Attard talbet ukoll sabiex isiru puntali mas-siġar tal-Bruk li hemm taħt Triq San Xmun.

64.4.2 Is-Sur Damien Spiteri semma l-każ tan-naħal li qed jitrabbew viċin Triq il-Kappar, Ix-Xlendi. Għalkemm l-ERA ddikjarat li ma hemm xejn irregolari, jista' jagħti l-każ li dawn l-istess naħal joħolqu periklu għar-residenti ta' din it-triq. Kien hemm qbil li meta jiġri hekk ir-residenti għandhom jagħmlu rapport dak il-ħin mal-Pulizija. Il-Kunsill ser jikkuntattja lit-Taqsima tal-Agrikoltura.

64.4.3 Is-Sur Paul Curmi rrefera għall-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn ġie deċiż li dwar it-talba li saret sabiex sid ta' proprjetà jagħmel taraġ tul il-faċċata tiegħu, liema proprjetà tinsab ġo sqaq li jagħti għal Ġnien Ragalna, il-Kunsill kellu jieħu l-opinjoni tal-Perit tal-Kunsill. Peress li dan it-taraġ tlesta, huwa staqsa dwar x'kienet l-opinjoni tal-perit. Is-Sur Curmi ġie infurmat li l-perit kien għadu ma ġiex jara fuq il-post.

64.4.4 Is-Sur Joseph Cauchi talab lill-Kunsill sabiex Bruk li hemm madwar il-Pjazzetta San Xmun jinżabar mit-tul tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

**64.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

64.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li proprju llum ġew żewġ uffiċjali minn NAO sabiex jagħmlu *audit* fuq il-ħaddiema tal-iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation.

Fl-aħħar laqgħa l-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta mal-Kanċillier Mons. Salv. Debrincat sabiex triq ġdida fi Triq Ta' Rinota tingħata l-isem. Huwa qed jissuġġerixxi li din it-triq tissemma għal San Publiju.

Il-Kunsill ta' spiss qed jirċievi lmenti li żewġ lampi fi Triq ix-Xlendi qed jitranġaw u jerġgħu jintfew wara ftit tal-ħin. Hemm ukoll arblu numru 50 nieqes peress li karozza baqgħet dieħla f'dan l-arblu u kellu jitqaċċat għax kien perikoluż.

It-talba li saret sabiex issir lampa ġdida fi Triq il-Biżantini qiegħda *on-hold* peress li għadu ma nstabx post minn fejn ser jinżel is-*supply* mal-faċċata għal ġol-arblu.

Qed tinħass il-ħtieġa li l-*pots* tal-pjanti tal-Kunsill jitħawlu fihom pjanti ġodda. Hemm ukoll żewġ *pots* fuq il-bankina tal-Kunsill li trid titħawwel pjanta ġo fihom. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa ħsieb idur madwar il-lokalità kollha flimkien mal-kuntrattur tat-tabelli sabiex jinbidlu dawk it-tabelli li huma msadda jew ma jidhrux ċari. It-tabelli l-ġodda ser ikunu tal-*plastic*.

Fuq talba tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex issir talba għal siġar biex jinbidlu dawk mejta jew li ġew imqaċċta bil-maltemp il-Kunsill talab sitt siġar taż-Żebbuġ għal Ġnien Ragalna u siġra oħra taż-Żebbuġ għal quddiem il-Mitħna Sotterranja t'Emerġenza tax-Xlendi.

Is-Segretarju Eżekuttiv huwa infurmat mill-Kumpanija Faces Consultants Ltd li l-*bus shelter* li ser issir maġenb l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina ser titwaħħal il-ġimgħa d-dieħla jekk it-temp jippermetti.

Il-ġimgħa li għaddiet saret applikazzjoni mal-ERA sabiex ningħataw il-permess li s-siġar tal-Pjazza tal-Knisja jinżabru. Il-Kunsill ħallas €20 għal din l-applikazzjoni.

Bħalissa għadu għaddej l-*Audit* tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2018. Il-*Financial Statements* iridu jaslu għand l-Awditur Ġenerali sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2019.

Fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kunsill iffirma l-kuntratt mal-HSBC Bank Malta plc sabiex tiġi mġedda l-kera tal-*kiosk* tal-*Parking* tax-Xlendi. Issa din il-*kiosk* hija mikrija sas-7 ta' Diċembru 2019. Tliet xhur qabel tiskadi din il-kirja, il-Kunsill irid jibda jaħdem fuq kuntratt ġdid.

Matul ix-xahar ta' Marzu 2019, il-Kunsill kien qed jaċċetta applikazzjonijiet ta' barranin li jgħixu fil-lokalità sabiex ikunu jistgħu jġeddu l-vot.

Il-membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna għal *seminar* ta' ġurnata 'Il-Gvern Lokali fuq l-Għatba tal-Komunità' li ser isir nhar l-Erbgħa, 3 ta' April 2019 fil-Lukanda Dolmen, Il-Qawra. Is-Sindku, Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li ser jattendu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara lista ta' xogħlijiet li huma pendenti u fiex wasal ix-xogħol.
Rigward is-*sleeping police*, *zebra crossing* u xogħol ieħor il-Kunsill qed jistenna mingħand il-perit. Il-Kunsill irid ikellmu ħalli ma jibqax itawwal l-affarijiet. Irid jara wkoll dwar dak it-taraġ li ser isir fi Ġnien Ragalna. Rigward il-proċess ta' Triq ix-Xatba, il-Kunsill bagħat *e-mail* lill-perit sabiex jiġi fil-post ħalli jirranġa l-*Bill of Quantities* qabel toħroġ is-sejħa. Issa l-Kunsill irid jara dwar il-*budget*. Rigward ix-*Shelter* tal-Pjazza tal-Knisja, il-Kunsill kien applika għall-fond tar-restawr tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qed jistenna l-eżitu ta' din l-iskema. Dwar is-siġar tal-Pjazza tal-Knisja, saret laqgħa nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2019.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab informazzjoni dwar il-proċedura l-ġdida u bagħtulu kollox. Il-Kunsill ser japplika. Rigward it-tabella *Cul-de-Sac* li kellha ssir fi Triq Ras il-Bajjada, din saret ħafna ġimgħat ilu. Rigward Triq il-Munxar, il-kuntrattur iffirma l-kuntratt. Diġà għamel il-garanzija. F'din il-laqgħa l-Kunsill ħa jara t-talbiet li saru mir-residenti. Il-kuntrattur kiteb li '*Date of commencement and finishing of works are to be agreed upon*'. Rigward ix-xogħol tat-Torri tax-Xlendi minħabba li l-Kunsill qed jirriskja li jitlef il-fondi, il-Kunsill qed jistenna lill-kuntrattur jippreżenta garanzija u kopja tal-*insurance* sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv kitiblu ittra u bagħatilu bil-posta u anke b'*e-mail* ħalli jkollu x'juri peress li huma fondi tal-Unjoni Ewropea. L-*objection period* kien sa nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu 2019. Rigward il-ħsarat li kien hemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina ġol-*playhouse* ftit aktar minn sitt xhur ilu meta saret *site inspection* mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv, ħafna mix-xogħol huwa lest. Hemm xi *parts* oħra li ġew ordnati minn barra. Rigward il-proċess ta' *bus shelters* ġodda, is-Segretarju Eżekuttiv kellem lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u anke lill-Kumpanija Faces Consultants Ltd dwar dik ta' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina. Din ser issir il-ġimgħa d-dieħla. Dwar Triq iż-Żirżieb, għalissa l-Ministru għal Għawdex tat lill-Kunsill parti mill-ammont. Il-kuntratt ġie ffirmat fis-7 ta' Marzu 2019 fid-9.30 ta' filgħodu. Fl-istess ġurnata jiġifieri fis-7 ta' Marzu 2019 is-Segretarju Eżekuttiv għamel *e-mail* lill-Water Services Corporation u kkupjata lis-Sindku minħabba s-servizzi tal-ilma u drenaġġ, *e-mails* lis-Sur William Sultana sabiex jinbeda x-xogħol fuq it-*tender document u e-mails* lill-Perit Robert Grech u kkupjata lis-Sindku dwar livelli u *alignment*. Il-Kunsill irid mingħand il-Water Services Corporation u l-Perit Robert Grech.

**64.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

64.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/4/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (L.S.549.123)'.

64.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/5/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Rebbiegħa fil-Komunità – Xettel b'Ilwien in-Natura'.

64.6.3 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar 'Notification of Executive Council Sitting Date' għall-applikazzjoni numru PC/00112/18 għal żvilupp fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi. Dwar dan il-każ il-Kunsill irċieva wkoll *e-mail* mingħand residenta tax-Xlendi bl-oġġezzjoni tagħha.

64.6.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward PC 06/19 - 'Biex isir tibdil fl-allenjament' - fi Triq Ras il-Bajjada k/m Triq Ta' Luvier, Il-Munxar. Il-Kunsill ġie mitlub jara din l-applikazzjoni fuq l-*e-apps* u jinfurmahom dwar xi *reactions* li jista' jkollu.

64.6.5 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 18, tat-28 ta' Frar 2019.

64.6.6 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fejn qed jinforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' applikazzjoni numru PA/08562/18 għal żvilupp fis-sit Il-Mejda *off* Isdiri, Il-Munxar ġie intavolat appell numru 00116/19. Bħala konsulent estern, il-Kunsill għandu drittijiet, ai finijiet tar-Regolament 7 tar-Regolamenti tal-2010 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura tal-Applikazzjonijiet u d-deċiżjoni relattiva). Għaldaqstant, il-Kunsill huwa mistieden sabiex jattendi u jkun parti fil-kors ta' smigħ ta' dan l-appell.

64.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'A Benchmark for National Performance Indicators'. Il-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Verifika) isemmi li sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jissorveljaw l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività dawn jingħataw sett ta' indikaturi *standard* biex titkejjel il-*performance* li magħhom tkun tista' titkejjel il-*performance* attwali. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kkuntrattat kumpanija biex jagħmlu analiżi u verifika ta' ħames funzjonijiet statutorji (deskritti fid-dokument 'A Benchmark for National Performance Indicators') tal-Kunsilli Lokali u tieħu ħsieb il-verifika u t-tħejjija tar-rapporti għal kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ jikkopera mal-kumpanija biex dan il-proġett ikun ta' suċċess.

64.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari SPI/05/2019 mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* dwar Espressjoni ta' Interess għall-Iskema 'Rebbiegħa fil-Komunità – Xettel b'Ilwien in-Natura'. Il-Kunsill ħa nota ta' din.

64.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari SPI/01/2019 mingħand id-Direttur, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* dwar Inizjattiva ta' Għajnuna għall-Korsijiet Lifelong Learning 2019/2020. Il-Kunsill ħa nota ta' din.

64.6.10 Il-Kunsill irċieva ċirkulari mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar proċeduri ġodda tad-Development Planning Fund.

64.6.11 Il-Kunsill irċieva stima ta' *major patching* li ser isir mill-Kumpanija Road Construction Company Ltd fi Triq il-Qroll, Ix-Xlendi. L-ammont ser jitla' għal €47,752. Din l-istima ġiet irreferuta lill-Perit tal-Kunsill, il-Perit Robert Grech. Is-Sur Paul Curmi u s-Sur Damien Spiteri lmentaw li ma huwiex sewwa li l-Kunsill jagħmel xogħol li suppost isir mill-Gvern Ċentrali mbagħad il-Pjazza tar-raħal ma ssirx mill-Kunsill.

64.6.12 Il-Kunsill irċieva kopja ta' PC Application 157/18 li tikkonċerna *site* fi Triq Żgħawri, Il-Munxar. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

64.6.13 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina fi Triq Dun Spir Gauci, Il-Munxar. Din it-talba ġiet irreferuta lill-Ministeru għal Għawdex.

64.6.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-JP2 Foundation fejn qed tressaq proposta lill-Kunsill. Qed jiġi ssuġġerit li ssir serata kommemorattiva sabiex infakkru l-memorja ta' żewġ persuni li ħallew din id-dinja s-sena l-oħra, l-*ex*-Sindku Carmen Said u s-Sur Tony Borg.
Permezz ta' din l-ittra, il-JP2 Foundation qed titlob parti mill-ispejjeż ta' din l-*event*. Huma qed jitolbu s-somma ta' €850. Kien hemm qbil dwar dan. L-*event* ser isir il-Ħadd, 5 ta' Mejju 2019 fis-7:30 ta' filgħaxija fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.

64.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Għaqda tal-Armar tal-Festa fejn qed jitolbu sabiex il-Kunsill jagħmel tnax-il toqba għall-arbli tal-festa. Kien hemm qbil li jsiru u fil-wiċċ jitwaħħlulhom tappijiet tal-ħadid fondut.

64.6.16 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-*bins* ta' skart separat jinbidlu għal dawk li jissejħu *smart bins*. Dan il-proġett ser ikun iffinanzjat kollu mingħajr ma tinvolvi l-ebda spiża mill-Kunsill Lokali. Jekk il-Kunsill ikun interessat irid jindika kemm ser jinbidlu u kemm ser jitpoġġew ġodda.

64.6.17 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tad-Djar dwar il-binja tal-Kunsill. Huma qed jitolbu informazzjoni jekk il-Kunsill Lokali huwiex jistenna li l-Pulizija jitilqu mill-binja jew fil-każ li l-Pulizija ser jibqgħu jokkupaw parti mill-binja u jekk ġiex milħuq ftehim bejn il-Kunsill u l-Pulizija dwar l-użu ta' din il-binja.
F'każ li l-Kunsill u l-Pulizija ser jibqgħu jagħmlu użu mill-binja, l-Awtorità tad-Djar qed tistenna tweġiba bil-miktub dwar kif ser jinqasam il-bini bejn iż-żewġ entitajiet biex tiġi stabbilita l-kera dovuta minn kull entita skont il-parti tal-bini li tuża.
Il-pożizzjoni tal-Kunsill bħalma dejjem kienet hija li l-*basement* tal-binja jgħaddi għall-użu tal-Kunsill.

64.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* dwar is-*Seminar* 'Il-Gvern Lokali fuq l-Għatba tal-Komunità' li ser isir fit-3 ta' April 2019. Il-parteċipanti qed jiġu mitluba jagħżlu l-*workshop* li ser jitwaqqfu matul is-*seminar*.

Peress li kien qed jagħmel il-ħin, is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiddiskuti *item* 64.10.

**64.10 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

64.10.1 Il-Kunsill talab lista ta' persuni li qed ifittxu xogħol f'*part* 1 ta' jobsplus. Kienu applikaw żewġ persuni fejn urew interess f'din il-vaganza.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm persuna mill-Community Workers Scheme Enterprise Foundation li tixtieq tiġi taħdem bħala skrivana. Il-Kunsill ma huwiex ser iħallas għall-pagi. Ma' din il-persuna l-Kunsill ikun jista' jimpjega sabiex jimla l-vaganza ta' skrivan/a skala 15. Is-Segretarju Eżekuttiv ma qabilx peress li l-bżonn urġenti huwa ta' skrivan/a fi skala 15 sabiex tkun tista' tagħmel ix-xogħol kollu li qiegħda tagħmel l-Assistent Uffiċjal Prinċipali.

Ġie deċiż li nitolbu *CV* mingħand il-persuna li qiegħda fl-iskema tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation.

**64.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

64.16.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija sabiex titkompla l-istess Aġenda.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 67-2019(25_04_19) li nżammet nhar il-Ħamis, 25 ta' April 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku